Nru./No. 18,642
Prezz/Price
€3.73

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 7 ta' Settembru, 2010
Tuesday, 7th September, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7565 - 7568
Government Notices ..... *7565 - 7568*

Avviż tal-Pulizija 7568
Police Notice *7568*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7568 - 7570
Notices to Mariners ..... *7568 - 7570*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 7570 - 7591
Employment Opportunities ..... *7570 - 7591*

Avviżi tal-Gvern ..... 7591 - 7592
Notices ..... *7591 - 7592*

Offerti ..... 7593 - 7629
Tenders ..... *7593 - 7629*

Avviżi tal-Qorti ..... 7630 - 7640
Court Notices ..... *7630 - 7640*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 918

AVVIŻ LEGALI PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,638 tal-31 ta' Awwissu 2010.

A.L. Nru. 420 tal-2010: Att tal-2010 li jimplimenta Miżuri ta' l-estimi (Att I tal-2010); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

Is-7 ta' Settembru, 2010

Nru. 919

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Is-7 ta' Settembru, 2010
(File No. L660/73/45)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tas-7 ta' Mejju, 1975 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju, 1975 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 327, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-fond hawn taħt deskritt huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-fond m'għadux aktar hekk meħtieġ, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-fond hawn taħt imsemmi m'għadux aktar meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Il-fond li ġej f'Raħal Ġdid:-

Il-fond Nru. 23, Vjal il-Knisja (Uffiċċju tal-Lottu Nru. 22).

Il-fond hawn fuq imsemmi jidher immarkat fuq il-pjanta L.D. 362/74, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

Il-31 ta' Awwissu, 2010

GOVERNMENT NOTICES

No. 918

LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,638 of the 31st August, 2010.

L.N. 420 of 2010: Budget measures Implementation Act, 2010 (Act I of 2010); Notice of coming into force.

7th September, 2010

No. 919

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

7th September, 2010

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 7th May, 1975 and published in the Government Gazette of the 13th May, 1975 under Notice No. 327, the President of Malta had declared that the undermentioned premises is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this premises is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned premises is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Raħal Ġdid:

Premises No. 23, Vjal il-Knisja (Lotto Office No. 22).

The abovementioned premises is shown marked on plan L.D. 362/74, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

31st August, 2010

Nru. 920

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

L-AĠENT Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Mark Mousù	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	6.09 - 12.09.2010

Is-7 ta' Settembru, 2010

No. 920

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Acting Permanent Secretary in the Ministry of Education, Employment and the Family has approved the following acting appointment:–

7th September, 2010

Nru. 921

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 03162/09

Post: Sit fi Triq l-Inkurunazzjoni, ta' Żokrija, limiti ta' Mosta.

Proposta: Faċilitajiet sportivi biex jikkumplimentaw l-iskola sekondarija ġdida tal-Gvern fiz-Żokrija u bdil fl-użu ta' razzett eżistenti għal użu edukattiv.

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni

No. 921

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 03162/09

Location: Site at Triq l-Inkurunazzjoni,Taz-Żokrija, limits of Mosta.

Proposal: To add sports facilities to compliment the new Mosta Government school at Żokrija Mosta and change in use of existing farmhouse to educational purposes.

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project

tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fis-6 ta' Lulju, 2010 u fil-ġustifikazzjoni għal eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali sottomessa fit-18 ta' Awwissu 2010.

Description Statement (PDS) submitted to MEPA on 6th July, 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 18th August 2010.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Wirt kulturali	Il-proposta tinsab eżatt barra mill-*buffer zone* tal-Katakombi Ta' Bistra. L-impatti fuq il-Katakombi li jinstabu 180m mis-sit mhumiex meqjusa bħala sinifikanti.Fis-sit jinsabu diversi strutturi rurali u vernakulari li se jiġu integrati bħala parti mill-iżvilupp. Il-ħitan tas-sejjieġħ madwar is-sit ser jinżammu.
Cultural heritage	*Proposal lies just outside the buffer zone for the Ta' Bistra Catacombs. The proposal is not likely to have a significant effect on these catacombs which lie 180m from the development site. The rural and vernacular features identified within the development site will be integrated into the design of the proposed development. All rubble walls along the perimeter of the site will be retained.*
Ħolqien ta' skart	Studji fuq is-sit indikaw il-kwalità u l-livell ta' skavar meħtieġ biex ma jitqattax materjal bla bżonn. Il-ħamrija fuq is-sit ser tintuża jew fuq is-sit innifsu jew tintuża mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni għal skejjel oħra.
Waste generation	*Site investigations have determined the level and type of rock to be excavated to help to reduce cut and fill during excavations, thus limiting the amount of excavated waste. Soil will either be reused on site or reused by the Department of Education for other schools.*
Trabijiet u kwalità tal-arja	L-ammont ta' skavar previst huwa minimu. Biex jitnaqqas l-ammont ta' trabijiet fuq ir-residenzi tal-madwar qed jiġi propost biex is-sit jiġi miġmuħ u protett waqt il-fażi ta' kostruzzjoni flimkien ma' miżuri oħra *standard*.
Dust and air quality	*Excavation is minimal therefore dust generation is likely to be minimal. To avoid dust generation on the nearby residential properties, it is being proposed to hoard and screen the site during the construction phase in addition to other standard mitigation measures.*
Impatt viżiv	Id-disinn ta' din il-proġett ser jiġi integrat mal-iskola li tmiss mas-sit. Għalkemm mhux mistenni li l-proposta ser ikollha impatt sinifikanti, qed tiġi proposta skema ta' tisbiħ.
Visual impact	*The design of the proposal will integrate with the adjacent school and although no significant visual impacts are likely, a landscaping scheme is being proposed.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Is-7 ta' Settembru, 2010

7th September, 2010

Nru. 922

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
7. 09. 10	€31.650	€0.520

Is-7 ta' Settembru, 2010

No. 922

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

7th September, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 111

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mellieħa

Nhar il-Ħamis, 9 ta' Settembru, 2010, il-Ġimgħa, 10 ta' Settembru, 2010, is-Sibt, 11 ta' Settembru, 2010 u l-Ħadd, 12 ta' Settembru 2010 il-ġurnata kollha mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Parroċċa, il-Bitħa tas-Santwarju u Misraħ iż-Żjara tal-Papa.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Settembru, 2010

POLICE NOTICE

No. 111

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Mellieħa

On Thursday, 9th September, 2010, Friday, 10th September 2010, Saturday, 11th September, 2010 and Sunday, 12th September 2010 all day long through the following streets: Misraħ il-Parroċċa, il-Bitħa tas-Santwarju and Misraħ iż-Żjara tal-Papa.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

7th September, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 83 tal-2010

Survey tal-Baħar bejn Kemmuna u l-Port il-Kbir tal-Belt Valletta u Lvant ta' Filfla

Id-Direttorat Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-bastiment tar-riċerka MV ISIS II se jkun qed jagħmel żewġ (2) *surveys* tal-baħar fis-siti li ġejjin:

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 83 of 2010

Marine Survey between Comino and Valletta Grand Harbour and East of Filfla

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the research vessel MV ISIS II will be conducting two (2) marine surveys at the following sites:

1) Bejn Kemmuna u żewġ (2) mili nawtiċi fix-Xlokk tal-Port il-Kbir kif muri fuq *chart* A murija fuq il-*website* tat-Transport Malta:

http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1

L-inħawi tas-*survey* hija delineata bil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Ponot	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	36º 01'.575	14º 22'.640
B	35º 53'.501	14º 35'.979
C	35º 53'.231	14º 33'.053
D	36º 01'.132	14º 20'.001

2) Fil-Lvant ta' Filfla se jsir *survey* ukoll kif muri fuq *chart* B li qiegħda fuq l-istess *website*. L-inħawi tas-*survey* huma mmarkati bil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Ponot	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
R	35º 48'.989	14º 26'.908
S	35º 47'.656	14º 32'.667
T	35º 44'.667	14º 31'.616
U	35º 46'.000	14º 25'.857

Ix-xogħol għandu jibda minnufih u mistenni jdum sa nofs Ottubru 2010, jekk it-temp jippermetti.

Il-baħħara huma avżati biex jgħaddu b'katela u bilmod fl-inħawi msemmija hawn fuq. Għandhom iżommu 500 metru 'l bogħod mill-bastiment tar-riċerka għax ikun qed jirmonka strumenti u jista' jkollu diffikultà biex jimmanuvra. Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS) fuq VHF Channel 12.

Charts affettwati: BA Chart 2537, 2538, 194

Is-7 ta' Settembru, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 84 tal-2010

Ħidma minn Għaddasa u Attivitajiet ta' Riċerka fil-Port ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'seħħ immedjat u sal-Erbgħa, it-22 ta' Settembru, 2010, li se jsiru ħidmiet minn għaddasa u għar-riċerka f'diversi nħawi fil-port.

Il-pożizzjonijiet huma murija kif ġej:

1) Between Comino and two (2) nautical miles South East of Grand Harbour as indicated on chart A on Transport Malta's website:

http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1

The survey area is delineated by the following positions:

Points	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	36º 01'.575	14º 22'.640
B	35º 53'.501	14º 35'.979
C	35º 53'.231	14º 33'.053
D	36º 01'.132	14º 20'.001

2) East of Filfla will be surveyed as well as shown on chart B on the same website. The survey area is delineated by the following positions:

Points	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
R	35º 48'.989	14º 26'.908
S	35º 47'.656	14º 32'.667
T	35º 44'.667	14º 31'.616
U	35º 46'.000	14º 25'.857

The work is scheduled to commence with immediate effect and is expected to last until the middle of October 2010, weather permitting.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed in the vicinity of the above-indicated areas. They are to give a wide berth of 500m since the research vessel will be towing instruments and may have difficulty to manoeuver. Instructions given by Valletta Port Control, (VTS) on VHF Channel 12, are to be complied with.

Charts affected: BA Chart 2537, 2538, 194

7th September, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 84 of 2010

Diving Operations and Research Activities in Marsaxlokk Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that with immediate effect and until Wednesday, 22nd September, 2010 diving and research operations will be carried out in various locations in the harbour.

The positions are indicated as follows:

Pożizzjoni	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
1	35° 49'.876	14° 32'.096
2	35° 49'.632	14° 32'.141
3	35° 49'.651	14° 32'.490
4	35° 49'.727	14° 32'.868

L-għaddasa se jkunu qed jużaw il-bastiment '*Midas Express'*. Is-*support vessel* se jkun qed itajjar l-International Code of Signals Flag 'A' u se jkollu manuvrar ristrett speċjalment meta jkun qed iħaddem *Remote Operated Vehicle (ROV).*

Il-baħħara u l-operaturi ta' inġenji tal-baħar huma avżati biex joqogħdu attenti u jgħaddu bilmod meta jbaħħru fl-inħawi. Il-baħħara għandhom iżommu tal-anqas 200 metru 'l bogħod mill-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u s-*support vessel.*

B'żieda ma' dan, huma mitluba jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Marsaxlokk Port Control (VTS) fuq VHF Channel 14.

Chart affettwata: BA 36

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Is-7 ta' Settembru, 2010

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
1	35° 49'.876	14° 32'.096
2	35° 49'.632	14° 32'.141
3	35° 49'.651	14° 32'.490
4	35° 49'.727	14° 32'.868

The divers will be using the motor vessel 'Midas Express'. The support vessel will be displaying the International Code of Signals Flag 'A' and will have restricted maneuverability especially when working with a Remote Operated Vehicle (ROV).

Mariners and operators of sea craft are advised to keep a sharp lookout, proceed at slow speed while navigating in the area. They are to give the above positions and the support vessel a wide berth of at least 200 metres.

Moreover, they are requested to comply with instructions given by Marsaxlokk Port Control (VTS) on VHF Channel 14.

Chart affected: BA 36

Positions referred to WGS 84 DATUM.

7th September, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Higher Specialist Trainee* (*Radiology*) fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita'

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-post ta' *Higher Specialist Trainee (Radiology)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Higher Specialist Trainee* għandu salarju ta' €20,350 fis-sena li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €23,928 (Skala ta' Salarju 6).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Higher Specialist Trainee (Radiology) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified Medical Practitioners for the post of Higher Specialist Trainee (Radiology) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of Higher Specialist Trainee carries a salary of €20,350 per annum rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €23,928 (Salary Scale 6).

3.1. The appointment which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti *on call* skont *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skont il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that :

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. Il-*Higher Specialist Trainee* jrid jieħu sehem regolari fil-programm ta' taħriġ fil-*Medical Imaging*. Il-*curriculum* ta' taħriġ ġie approvat mis-*Society of Accredited Committees (SAC)*. It-taħriġ tal-*Higher Specialist Trainee* se jkun taħt il-ħarsien tal-*Post-Graduate Training Co-ordinator* fil-*Medical Imaging*.

5.1. The Higher Specialist Trainees will participate in the on-going training programme in Medical Imaging. The training curriculum has been approved by the Society of Accredited Committees (SAC). The Higher Specialist Trainees' training is supervised by the Post-Graduate Training Co-ordinator in Medical Imaging.

5.2. Il-persuna maħtura huma mistennija jieħdu sehem fix-xogħol kliniku ta' kuljum fil-*Medical Imaging Department* fl-isptar Mater Dei. Il-*Higher Specialist Trainees* huma mistennija li jaħdmu taħt il-gwida tal-*Consultant Radiologists* u l-*Consultant Nuclear Medicine Physicians*.

5.2. The appointees are expected to participate in the daily clinical work at the Medical Imaging Department at Mater Dei Hospital. The Higher Specialist Trainees are expected to work under supervision of the Consultant Radiologists and Consultant Nuclear Medicine Physicians.

5.3. Il-persuni maħtura huma mistennija li jsiru mħarrġa f'tekniċi radjoloġiċi ġenerali u speċjalizzati kif ipprovdut mill-*Medical Imaging Training Curriculum*.

5.3. The appointees will be expected to become proficient in general and specialized radiological techniques as per the Medical Imaging Training Curriculum.

5.4. Il-persuni maħtura jkollhom aċċess għall-*images modalities* kollha li jintużaw fid-Dipartiment tal-*Medical Imaging* fl-isptar Mater Dei. Hu mistenni li jattendu għall-*clinico-radiological meetings* u jieħdu sehem fil-proċess ta' *quality assurance* u verifika fid-Dipartiment tal-*Medical Imaging*.

5.4. The appointees will be offered access to all the imaging modalities that are available at the Medical Imaging Department at Mater Dei Hospital. They will be expected to attend clinico-radiological meetings and partake in the process of quality assurance and audit in the Medical Imaging department.

5.5. Il-persuni maħtura jkunu mistennija li jiksbu kwalifika *post-graduate* fil-*Medical Imaging* waqt iż-żmien tat-taħriġ. Il-kwalifika rakkomandata hija FRCR jew kwalifika ekwivalenti rikonoxxuta mill-Unjoni Ewropea.

5.5. The appointees are expected to obtain a post-graduate qualification in Medical Imaging during the course of their training. The recommended qualification is the FRCR examination or equivalent qualification that is recognized by the European Union.

5.6. Il-*curriculum* tat-taħriġ kif approvat mis-SAC jeħtieġ minimu ta' sena ta' taħriġ barra minn Malta. *Higher Specialist Trainees* ikunu mħeġġa li jagħmlu arranġamenti

5.6. The training curriculum that has been approved by the SAC necessitates a minimum of one year training in a centre abroad. The HST is encouraged to make arrangements

minn kmieni għall-*International Locum*. Id-Dipartiment tas-Saħħa jipprovdi sapport għal dan il-post ta' *locum*.

5.7. Il-persuni maħtura huma mistennija li jżommu ruħhom aġġornati ma' kull żvilupp fil-qasam tal-*Medical Imaging* u jipparteċipaw f'laqgħat *post-graduate* kemm f'Malta kif ukoll barra. Attività ta' riċerka tkun inkoraġġuta u jkun mistenni li l-persuni nominati jipprovdu materjal għall-pubblikazzjoni f'rivisti mediċi u tar-radjoloġija kemm lokali u barranin.

5.8. Il-persuni maħtura jridu jikkontribwixxu b'mod attiv fit-taħriġ tal-*Medical Imaging Basic Specialist Trainees, Radiographers Student* u *medical students*.

5.9. Dmirijiet oħra skont l-esigenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5.10. Il-persuni maħtura ikunu jridu jagħmlu użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

for such an international locum at an early stage. The Department of Health will support the Higher Specialist Trainees in making these locum arrangements.

5.7. The appointees will be expected to keep abreast with the current developments in the field of medical imaging and participate in postgraduate meetings locally and abroad. Research activities will be encouraged and the appointees will be expected to generate material for publication in local and foreign medical and radiological publications.

5.8. The appointees will be required to contribute actively in teaching duties related to medical imaging basic specialist trainees, radiography students and to medical students.

5.9. Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

5.10. The appointees will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community care.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) (i) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u/jew bil-Lingwa Ingliża;

(ii) proficjenza fil-Malti qabel il-konferma tal-ħatra hi meħtieġa għax l-applikanti magħżula jkollhom jipprovdu evidenza ta' proficjenza bażika fil-Lingwa Maltija;

c) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikollhom is-*Certificate of completion* tal-*basic specialist training* maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee (SAC)* ta' Malta skont id-dokument "*specialist training programmes in Radiology*" tal-imsemmi *Committee,* jew ekwivalenti. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti fil-pussess ta' ċertifikat ta' tlestija tal-*basic specialist training* maħruġ minn istituzzjonijiet ta' akkreditazzjoni oħra barra mill-i*Specialist Accreditation Committee (SAC)* ta' Malta, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' ċertifikazzjoni ta' tlestija tal-*basic specialist training,* liema dikjarazzjoni tkun trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

b) (i) have the ability to communicate in the Maltese and/or English Languages;

(ii) proficiency in Maltese before confirmation of appointment is essential as successful applicants must provide evidence of basic proficiency in the Maltese language;

c) be in possession of a Licence to practise the medical profession in Malta;

d) be in possession of a Certificate of completion of basic specialist training issued by the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta in accordance with the document "specialist training programmes in Radiology" of the said Committee, or equivalent. It is the responsibility of applicants in possession of a certificate of completion of basic specialist training awarded by an accreditation body other than the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta to produce a recognition statement on comparability of the certification of completion of basic specialist training, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry for Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organizations.

9.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-

notice-board tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Ir-rizultat jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru 2010.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data

board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. Furthermore, the result may also be viewed on the Public Service Commission's website where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 24 th September 2010.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 24 th September 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time

tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-7 ta' Settembru, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Medical Laboratory Technologist* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

*Skont klawżola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil***.**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Medical Laboratory Technologist fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1 Il-post ta' Medical Laboratory Technologist għandu salarju ta' €13,809 fis-sena li jiżdied b'€354.00 fis-sena sa massimu ta' €15,933 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' Medical Laboratory Technologist tiġi promossa fil-grad ta' Senior Medical Laboratory Technologist fi Skala ta' Salarju Nru. 10 €15,668 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,114 wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Medical Laboratory Technologist li għandha xi degree rikonoxxuta fil-Medical Laboratory Science titqiegħed fi Skala ta' Salarju Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-degree, skont liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Medical Laboratory Technologist gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju Nru. 9 b'salarju ta' €16,690 fis-sena li jiżdied b' €447.33 fis-sena sa massimu ta' €19,374 meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' Medical Laboratory Technologist gradwat. Persuna fil-grad ta' Medical Laboratory Technologist gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Senior Medical Laboratory Technologist wara sentejn servizz fil-grad ta' Medical Laboratory Technologist jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija full-time u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi

to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) within seven (7) days.

7th September, 2010

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Medical Laboratory Technologist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Medical Laboratory Technologist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2.1 The post of Medical Laboratory Technologist carries a salary of €13,809 per annum rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €15,933 (Salary Scale 12). A Medical Laboratory Technologist will be promoted to the grade of Senior Medical Laboratory Technologist in Salary Scale 10 €15,668 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €18,114 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Medical Laboratory Technologist in possession of a recognised degree in Medical Laboratory Science will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Medical Laboratory Technologist will progress to Scale 9 €16,690 per annum rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €19,374 on completion of two years service as graduate Medical Laboratory Technologist. A graduate Medical Laboratory Technologist will be promoted to Senior Medical Laboratory Technologist on completion of two years service in the grade of Medical Laboratory Technologist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Medical Laboratory Technologist jinkludu:

a) tagħmel xogħol analitiku u ta' teknika fil-laboratorji mediċi b'mod li tkun assigurata l-ogħla kwalità fir-riżultati;

b) tħaddem sewwa u b'effiċjenza strumenti u *analysers* tal-laboratorji;

c) tiddetermina l-validità ta' riżultati ta' analiżi.

d) taqdi dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

e) tuża s-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, (Ministeru għas-Saħħa. L-Anzjani u Kura fil-Komunità), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-persuni magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol billejl skont *rosters* stabbiliti fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Medical Laboratory Technologist include:

a) carrying out analytical and other medical laboratory techniques in a manner that ensures the highest quality of results;

b) operating laboratory instruments and analysers properly and efficiently;

c) determining the validity of analysis results.

d) any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

e) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section (Ministry for Health, the Elderly and Community Care), 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

c) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala Medical Laboratory Scientist mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fil-*Medical Laboratory Science* sal-aħħar ta' Diċembru 2010 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6(a), (b) u (d). Jekk jintagħżlu dawn il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikati f'paragrafu 6(c) qabel ma jingħataw il-ħatra.

7.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista tal-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skont paragrafu 6 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi fl-Amministrazzjoni Pubblika u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Medical Laboratory Scientist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Medical Laboratory Science by the end of December 2010 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 6(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 6(c) before appointment.

7.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 6 has been exhausted, provided vacancies are available.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by th applicants to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which

għandha tinħemeż mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinħemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-rizultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-notice-board tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Ir-riżultat jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap

should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry for Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organizations.

10.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. Furthermore, the result may also be viewed on the Public Service Commission's website where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the

tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru 2010.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-fax tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) huma +356-2122 6285 u +356 – 2123 5890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-7 ta' Settembru, 2010

Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 1st October 2010.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 1st October 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) are +356 – 2122 6285 and +356 - 2123 5890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) within seven days.

7th September, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Higher Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-Ortopedija fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Higher Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-Ortopedija fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Higher Specialist Trainee* għandu salarju ta' €20,350 fis-sena li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €23,928 (Skala ta' Salarju 6).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti *on call* skont *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skont il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Ortopedija u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment.

5.2. Il-post ta' *Higher Specialist Trainee* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ speċjalizzat fid-Dipartiment

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Higher Specialist Trainee in the Department of Orthopaedics in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified Medical Practitioners for the posts of Higher Specialist Trainee in the Department of Orthopaedics in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of Higher Specialist Trainee carries a salary of €20,350 per annum rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €23,928 (Salary Scale 6).

3.1. The appointment which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that :

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee forms part of the Department of Orthopaedics and is accountable to the Consultants and ultimately to the Clinical Chairperson of the Department.

5.2. The post of Higher Specialist Trainee forms an integral part of the specialist training programme of the

tal-Ortopedija u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fl-Ortopedija. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji rilevanti li jkunu determinati mill-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Ortopedija u li tieħu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ tal-*Higher Specialist Trainee,* kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet akkademiċi u ta' taħriġ u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-Ortopedija.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Basic Specialist Trainee* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' ortopedija aktar komplikati u timmaniġom u trid tiżviluppa l-ħiliet tagħha kliniċi. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:

(a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għal-livell xieraq ta' dan il-grad, għall-*inpatients* fl-isptar Mater Dei. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skont kif hi tħoss meħtieġ, taħt is-superviżjoni tal-Konsulent;

(b) attendenza għall-*ward rounds;*

(c) attendenza għall-*outpatients clinics* kif meħtieġ;

(d) arranġament għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practitioners,* kif xieraq;

(e) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

(f) assigurazzjoni li r-rekords tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

(g) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Basic Specialist Trainees* u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u tal-istudenti tal-mediċina li jkunu qed jaħdmu fil-*firm,* skont kif ikun xieraq;

(h) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

(i) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

(j) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adegwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

Department of Orthopaedics and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Orthopaedics. The appointee will be required to rotate within the various relevant specialities as determined by the Clinical Chairperson of Orthopaedics in a way which will take into account both the Higher Specialist Trainee's training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Orthopaedics.

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Basic Specialist Trainee but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated Orthopaedic problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

(a) participation in the day to day provision of routine and emergency medical care at a level appropriate to the grade for in-patients at Mater Dei Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as he/she feels necessary, under the supervision of the Consultant;

(b) attending and undertaking ward rounds as required;

(c) attending outpatient clinics as required;

(d) arranging admissions and the preparation of discharge summaries and any correspondence to General Practitioners as appropriate;

(e) liaison with patients' relatives;

(f) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

(g) supervision of the work of pre-registration House Officers and Basic Specialist Trainees and participating in their training, and that of medical students attached to the firm, as appropriate;

(h) providing resident on-call services as required;

(i) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

(j) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

(k) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent;

(l) dmirijiet oħra skont l-esigenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(m) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi ħila li tagħmel il-proċeduri terapewtiċi meħtieġa f'każi ta' emerġenza akuta fl-Ortopedija.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) (i) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u/jew bil-Lingwa Ingliża;

(ii) profiċjenza fil-Malti qabel il-konferma tal-ħatra hi meħtieġa għax l-applikanti magħżula jkollhom jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-Lingwa Maltija;

c) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

(k) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care;

(l) any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(m) Use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

5.4. The appointee will be expected to show capability of carrying out the necessary therapeutic procedures in acute orthopaedic emergencies.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) (i) have the ability to communicate in the Maltese and/or English Languages;

(ii) proficiency in Maltese before confirmation of appointment is essential as successful applicants must provide evidence of basic proficiency in the Maltese language;

c) be in possession of a Licence to practise the medical profession in Malta;

d) ikollhom is-*Certificate of Completion* tal-*Basic Specialist Training* maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee (SAC)* ta' Malta, jew ekwivalenti. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti fil-pussess ta' ċertifikat ta' tlestija tal-*basic specialist training* maħruġ minn istituzzjonijiet ta' akkreditazzjoni oħra barra mill-i*Specialist Accreditation Committee (SAC)* ta' Malta, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' ċertifikazzjoni ta' tlestija tal-*basic specialist training*, liema dikjarazzjoni tkun trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

d) be in possession of the Certificate of Completion of Basic Surgical Training issued by the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta or equivalent. It is the responsibility of applicants in possession of a certificate of completion of basic specialist training awarded by an accreditation body other than the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta to produce a recognition statement on comparability of the certification of completion of basic specialist training, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which

tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hijar-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorita` pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Avviż dwar il-ħruġ tar-rizultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità. Ir-rizultat jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-

should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry for Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organizations.

9.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. Furthermore, the result may also be viewed on the Public Service Commission's website where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service

Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru 2010.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad- Direttorat tar- Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-7 ta' Settembru, 2010

Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 1st October 2010.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 1st October 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) within seven (7) days.

7th September, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Learning Support Assistant

(Permess tal-ETC Nru. 39/2009) (MPO/205/2005/2)

Il-kandidat magħżul ikun impjegat għal 20 siegħa fil-ġimgħa.

Ħtiġiet

L-applikanti għandu jkollhom:
Diploma ta' Facilitating Inclusive Education mill-Università ta' Malta.

JEW

Ċertifikati rilevanti mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

Applikanti b'tal-anqas żewġ (2) 'A' levels jiġu kkunsidrati jekk ma jinstabux kandidati adatti bid-Diploma.

Esperjenza:

Jingħataw preferenza applikanti b'tal-anqas tliet (3) snin esperjenza bħala *facilitators* fis-settur sekondarju/post-sekondarju.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard mit-Tnejn, is-27 ta' Settembru, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-*Campus* Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
Bini tal-Amministrazzjoni,
MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Settembru, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Learning Support Assistant

(ETC Permit No. 39/2009) (MPO/205/2005/2)

The successful candidate will be employed for 20 hours a week.

Requirements:

Applicants must be in possession of:
A Diploma in Facilitating Inclusive Education from the University of Malta.

OR

Relevant certificates from the Education Division.

Applicants with a minimum of two (2) 'A' levels will be considered if no suitable Diploma candidate is found.

Experience:

Applicants with a minimum of three (3) years experience as facilitators in the secondary/post-secondary sector will be given preference.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 27th September, 2010.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus, are to be addressed to:

The Administrative Director,
Administration Building,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

7th September, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza fil-Pożizzjoni ta' International and Partnerships Director

(Permess tal-ETC Nru. 93/2010)(MPO/205/2005/26)

Taħt id-direzzjoni tal-Prinċipal u CEO, ir-responsabbiltajiet ta' min jintgħażel jinkludu, imma mhux biss: li jiżviluppa *partnerships* bejn il-Kulleġġ u s-settur ekonomiku, jistabbilixxi u jżomm relazzjonijiet tajbin ma' istituzzjonijiet internazzjonali, u jsegwi l-programmi ta' mobbiltà u skambji hekk li jassigura taħriġ ta' kwalità u l-aħjar użu ta' riżorsi.

Ħtiġiet

Lawrja Universitarja f'qasam tax-Xjenza/Teknoloġija
Lawrja ta' *Master's* fil-*Management*
Tal-anqas (5) snin esperjenza fi stabbiliment industrijali u/jew edukattiv/ta' taħriġ.

Il-kandidat ideali għandu jkollu personalità soda u kuntatti ma diversi kulleġġi u/jew Universiatjiet barranin. L-applikanti għandu jkollhom esperjenza fl-aspett ta' negozati/amministrattiv u/jew industrijali, esperjenza fil-preparazzjoni u jmexxi negozjati ta' proposti biex jiġu ffinanzjati programmi ta' taħriġ, u esperjenza fit-tmexxija ta' delegazzjonijiet u jirrappreżenta l-Kulleġġ/ Istituzzjoni li jimpjegawhom.

